Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

Brussell, 7 ta' Settembru 2026

CM 3929/1/26
REV 1

ESPACE
PROCED

# KOMUNIKAZZJONI

## PROĊEDURA BIL-MIKTUB

| | |
|---|---|
| Kuntatt: | space@consilium.europa.eu |
| Tel./Fax: | +32 2 281 5300 |
| Suġġett: | **PROĊEDURA BIL-MIKTUB bi tweġiba sat-8 ta' Settembru 2026 fil-11:00, ħin ta' Brussell (CET)** dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tingħaqad ma' Dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea dwar Viżjoni fit-Tul għat-Trasport Spazjali Ewropew mal-Istati Membri tal-UE, l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u l-Istati Membri tal-ESA<br>– Bidu tal-proċedura bil-miktub<br>– Awtorizzazzjoni biex jiġi approvat strument mhux vinkolanti<br>- Estensjoni tal-iskadenza sat-8 ta' Settembru 2026, fil-11:00 CET |

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) ħa fl-4 ta' Settembru 2026 li tintuża l-proċedura bil-miktub[1], jekk jogħġobkom iddikjaraw jekk taqblux li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tapprova, f'isem l-Unjoni Ewropea, id-Dikjarazzjoni dwar Viżjoni fit-Tul għat-Trasport Spazjali Ewropew mal-Istati Membri tal-UE, l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u l-Istati Membri tal-ESA, kif tinsab fid-dokument 12591/26.

**Jekk jogħġobkom wieġbu IVA jew LE.**

[1] ST 12520/26.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija, għajr dawk li diġà saru fil-Coreper bil-ħsieb tal-proċedura bil-miktub.

It-tweġibiet iridu jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sat-**Tlieta, 8 ta' Settembru 2026, fil-11:00** (ħin ta' Brussell) u għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil: space@consilium.europa.eu.

**Niġbdu l-attenzjoni li l-proċedura bil-miktub ma tistax tingħalaq qabel ma jkunu waslu t-tweġibiet mill-Istati Membri kollha.**